MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 2111/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurata taghha Lydia Gambin**

**vs**

**Adrian Aquilina**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-smma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm421.11) rapprezentanti danni kawzati f'incident stradali li sehh fiid-19 ta' Gunju 2002 fi Triq Alphonse Maria Galea, B'Kara waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni IAC 907 u huwa dahal fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 697 misjuqa minn Lydia Gambin u assikurata that polza tat-tip 'Comprehensive' mas-socjeta'

attrici u ghall-liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut kawza ta' mprudenza, negligenza u no-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talba attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli Lydia Gambin, kawza ta' mprudenza, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha u l-konvenut ma kellu ebda tort.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-iuspejjes u bl-imghax legali.

Sema' x-hieda ta' PS393 Charles Azzopardi, ta' Lydia Gambin, David Debono u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Gunju 2002, fi Triq Alfons Maria Galea, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAC 907 misjuqa mill-konvenut Adrian Aquilina u l-vattura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 697 misjuqa minn Lydia Gambin, l-assikurata tas-socjeta' attrici, u liema vettura hija assikurata taht polza tat-tp 'comprehensive' mal-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti minn Lydia Gambin fl-imsemmi ncident.

Illi dan l-incident awtobilistiku jifforma wkoll il-mertu ta' kawza ohra fuq il-lista tal-llum (Avviz Numru 1744/03 – 'Adrian Aquilina vs Lydia Gambin') u fil-fatt dawn iz-zewg kawzi kienu qed jimxu kontestwalment. A skans ta' ripetizzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghall-

motivazzjonijet kontenuti fis-sentenza moghtija fl-imsemmija kawza fejn gie ritenut li l-konvenut fil-kawza odjerna, Adrian Aquilina, kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tad-19 ta’ Gunju 2002 u jiddikjara li dawn il-motivazzjonijiet ghandhom ukoll jiffurmaw parti integrali mill-korp ta’ din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi, filwaqt li jiddikjara lill-konvenut Adrian Aquilina unikament responsabbli ghall-incident tad-19 ta’ Gunju 2002, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundnaa lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm421.11), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------